MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2057/2003

**Mario Magro**

**vs**

**Jason Grima**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta’ Ottubru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ hames mija u sitta u sittin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm566.22) rapprezentanti danni kagunati mill-konvenut fil-vettura tala-ttur bin-numru tar-registrazzjoni AAB 082 f’kollizzjoni li sehhet fit-2 ta’ Gunju 2003 waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAT 274 u liema ammont gie ammess bhala dovut mill-konvenut skond skrittura privata tal-10 ta’ Lulju 2003 (Dok. A).

Bl-ispejjes u bl-interessi legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ hames mija u sitta u sittin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm566.22), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------